MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 481/2004

**Smash Communications Limited (C 16065)**

**vs**

**1. L-Awtorita` tax-Xandir**
**2. Dr. Kevin Aquilina LL.D., Kap Ezekuttiv**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Smash Communications Limited (C16065) datat 1 ta’ Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi s-socjeta’ attrici SMASH COMMUNICATIONS LIMITED (Registration Number C 16065) kienet giet irregistrata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu 1994, u l-

ishmatarji ta’ din is-socjeta’ huma s-socjeta’ kummercjali Smash Recordings Limited (C 8482) u Baldacchino Joseph li ghandu n-numru tal-karta taI-identita’ 2153(M).

IlIli l-objettiv ewlieni tas-socjeta’ kummercjali attrici huwa li tmexxi kummerc u negozju ta’ Xandir bit-televizjoni u radio u b’mod partikolari biex taghti servizz fil-produzzjoni ta’ divertiment, xandir ta’ ahbarijiet, reklamar u trasmissjonijiet ohra ta’ generu simili.

Illi s-Segretarju tas-socjeta’ kummercjali huwa BALDACCHINO JOSEPH li ghandu n-numru tal-karta tal-identita’ 2153 (M) u d-Direttur ta’ din il-kumpanija huwa l-istess Baldacchino Joseph bl-indirizz residenzjali 175/5, f’Liedna Street, gewwa l-Fgura, li ghandu wkoll ir-rapprezentanza gudizzjarja u legali tas-socjeta’ kummercjali attrici.

Illi l-Awtorita’ tax-Xandir konvenuta hija l-istituzzjoni kostituzzjonalment maghrufa u protetta li hija stabbilita’ mill-ligi biex - *inter alia* - tara li l-ligijiet u r-regolamenti tax-xandir fir-Repubblika ta’ Malta jigu osservati, partikolarment a bazi tal-Att dwar ix-Xandir li dettalji u riferenzi minnu jinghataw fil-mori ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut Dr. Kevin Aquilina LL.D., huwa c-Chief Executive tal-Awtorita’ tax-Xandir, posizzjoni mportanti li taghmel parti u sehem integru mill-istess socjeta’ konvenuta I -Awtorita’ tax-Xandir.

Illi l-Awtorita’ tax-Xandir permezz tal-konvenut Chief Executive Dr. Kevin Aquilina ghamlet akkuza fir-rigward tal-Programm (Minibus) permezz ta’ komunikat datat tlettax (13) ta’ April 2004, reference: 156/01: ara dokument ALPHA 1.

Illi l-programm in kwistjoni kien ixxandar fuq SMASH TV nhar l-ewwel (1) ta’ April 2004.

Illi l-programm (Minibus) li jixxandar fuq Smash TV huwa responsabilita’ tas-socjeta’ kummercjali attrici Smash Communications Limited.

Illi l-konvenut Chief Executive Dr. Kevin Aquilina ghas-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir ikkonkluda li minn 'monitoring report' jirrizulta 'credit estensiv bi ksur tal-paragrafu 20 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir'.

Illi l-konvenut Chief Executive Dr. Kevin Aquilina ghan-nom tas-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir akkuzat lil Smash Communications Limited bi ksur tal-paragrafu citat fil-premessa precedenti u s-socjeta' kummercjali attrici giet mitluba thallas penali kif stabbilit fl-Att dwar ix-Xandir fl-ammont ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) sa mhux aktar tard minn nofs in-nhar ta' nhar it-Tnejn, dsatax (19) ta' April
2004.

Illi s-socjeta' attrici ghazlet li tikkontesta din l-akkuza u ghalhekk giet iffissata seduta' mill-Awtorita' tax-Xandir bil-presenza tal-konvenut Chief Executive ghal nhar it-Tlieta, ghoxrin (20) ta' April 2004 fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar li effettivament fuq talba tal-konsulent legali tas-socjeta' kummercjali attrici l-hin kien tmexxa ghall-erbgha ta' wara nofs in-nhar.

Illi ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenut Chief Executive Dr. Kevin Aquilina u s-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir jappartjenu ghal-istess Korp li hargu l-akkuza u qatghu s-sentenza fuq l-istess akkuza, liema cirkostanza tivjolixxi l-principju sagru tal-ligi f'demokrazija u cioe' *NEMO JUDEX IN CAUSA PROPRIAM* li tfisser li hadd ma jista' jkun imhallef t'akkuza li jaghmel huwa stess, kif evidentament ghamlu l-konvenuti f din il-kawza odjerna.

Illi s-socjeta' attrici *tramite* l-konsulent legali taghha Dr. Emmy D. Bezzina ssottomettiet fis-seduta ta' jum it-Tlieta, ghoxrin (20) ta' April 2004, fl-erbgha u nofs ta' wara nofs in-nhar, fil-bini tal-Awtorita' tax-Xandir f'Mile End Road gewwa l-Hamrun, Malta, illi s-socjeta' konvenuta u l-konvenut Chief Executive ma kienux kompetenti li jaghmlu akkuza u fl-istess hin jiggudikaw lis-socjeta' kummercjali attrici ghal din l-akkuza, wisq aktar li jiggudikaw u jaghtu sentenza favur jew kontra l-istess socjeta' kummercjali

attrici, u f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' kummercjali attrici vverbalizzat u liema verbal tnizzel ukoll bil-kitba, li s-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir u l-konvenut Chief Executive ma kellhomx kompetenza li jisimghu kaz b'akkuza kontra s-socjeta' kummercjali attrici, liema akkuza saret mill-istess socjeta' konvenuta u mill-konvenut Chief Executive u li huma stess ippretendew li kellhom l-awtorita' li jkunu gudikanti wkoll fuq l-istess akkuza li tkun emanixxiet da parti taghhom.

Illi s-socjeta' konvenuta u l-konvenut laqghu din l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' kummercjali attrici *tramite* l-konsulent legali taghhom Dr. Emmy D. Bezzina bil-kundizzjoni li s-socjeta' kummercjali attrici taghmel kawza fuq dan il-punt, biex dan il-punt ikun deciz mill-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta fuq il-principju sagru tas- Saltna tal-Ligi (The Rule of Law).

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza odjerna li ghandha tinstema' u tigi deciza b'urgenza fl-interess ta' kull parti nteressata.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Is-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir filwaqt li ghandha kull dritt li tohrog akkuza fir-rigward ta' xi programm tar-radju jew televizzjoni a bazi tal-Att dwar ix-Xandir, m'ghandha l-ebda jedd illi tisma' dik l-akkuza hija stess u taghti gudizzju fuq akkuza li tkun harget hija stess;

2. Ic-Chief Executive tal-Awtorita' tax-Xandir huwa ufficjal tal-istess Awtorita' tax-Xandir u jappartjeni integralment ghall-istess istituzzjoni tal-Awtorita' tax-Xandir, imwaqfa, imharsa u protetta mill-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika, u li ghalhekk il-konvenut Chief Executive huwa parti integrali mit-tifsila tal-Awtorita' tax-Xandir skont il-ligijiet ta' Malta u regolamenti li jirrigwardaw ix-xandir f'pajjizna.

3. Il-Bord li jmexxi l-Awtorita' tax-Xandir u c-Chief Executive tal-istess Awtorita' tax-Xandir it-tnejn

jappartjenu ghall-istess Kostituzzjoni Kostituzzjonalment rikonoxxuta tal-awtorita' tax-Xandir u akkuza mahruga mill-konvenut Chief Executive tammonta wkoll ghall-akkuza mahruga mis-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir.

4. L-akkuza li nharget fir-rigward tal-programm 'Minibus' li xxandar fuq Smash TV nhar l-ewwel (1) ta' April 2004, hija akkuza li nharget miz-zewg konvenuti ndikati f'din ic-citazzjoni odjerna.

5. L-akkuza li nharget fir-rigward tal-programm 'Minibus' li xxandar fuq Smash TV fl-ewwel (1) ta' April 2004 ma tistax tinstemgha u tigi deciza mill-istess konvenuti ndikati f'din il-kawza odjerna minghajr ma jinkiser il-principju legalment sagru *NEMO JUDEX IN CAUSA PROPRIAM* (hadd ma jista' jkun Imhallef t'akkuza li jaghmel huwa stess).

6. Il-konvenuti fic-cirkostanzi m'ghandhom ebda jedd li jisimghu u jiddeciedu fuq akkuzi li jkunu ghamlu huma stess taht l-Att dwar ix-Xandir tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Il-konvenuti ma kellhom ebda awtorita' li jiggudikaw lis-socjeta' kummercjali attrici jew li jimmultawha jew li jitolbuha biex tersaq quddiemhom biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar l-akkuza li biha giet akkuzata mill-konvenuti ndikati fic-citazzjoni odjerna.

8. Din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti pronunzjament jew tipprovdi rimedju a bazi ta' dawn it-talbiet sottomessi mis-socjeta' kummercjali attrici u kif hawn fuq suesposti.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji kontra l-konvenuti jew min minnhom li t-tnejn li huma jibqghu minn issa ngunti IN SUBIZZJONI.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 6 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 9 sa 18 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` tas-Xandir datata 16 ta' Awwissu 2004 a fol 24 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi din il-kawza jidher li hija bbazata fuq l-applikazzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali ta' NEMO JUDEX IN CAUSA SUA. Illi mhux minnu li l-Awtorita' tax-Xandir hija prosekutur u gudikant fl-istess hin kif jirrizulta ben car mill-Att dwar ix-Xandir u r-regolamenti li saru tahtu. L-istess ligi taghmel separazzjoni netta bejn il-funzjoni ta' min johrog l-akkuza, li f'dan il-kaz huwa l-Kap Esekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir, u min jiddeciedi l-akkuza, li f'dan il-kaz hija l-Awtorita' tax-Xandir, li l-istess Kap Esekuttiv mhux membru taghha; li l-Kap Esekuttiv ma jiehux parti fid-deliberazzjonijiet u fid-decizjonijiet tal-Awtorita', u dan kollu se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

2. L-Awtorita` tax-Xandir, qabel ma hadet id-decizjoni taghha, semghet kemm il-Kap Esekuttiv li ressaq il-kaz quddiemha kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-istazzjon Smash TV u tal-Avukat tal-istess stazzjon li attendew ghas-seduta tal-Awtorita` fejn gie diskuss il-kaz u nghataw ukoll kull opportunita` li jressqu l-kaz f'isem l-istazzjon kif ukoll il-provi kollha li deherilhom opportun fic-cirkostanzi.

3. L-Awtorita' tax-Xandir tirriserva d-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri fil-mori ta' din il-kawza f'kaz li jirrizulta li din il-kawza mhux ibbazata fuq l-applikazzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali hawn fuq citat izda fuq konsiderazzjonijiet legali ohra.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-Awtorita` tax-Xandir a fol 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri mit-12 ta' Novemnru 2004

Rat l-affidavits kollha prezentati mis-socjeta’ attrici permezz ta’ nota datata 10 ta’ Mejju 2005 (fol. 73) sas-seduta tat-2 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-8 ta’ Frar 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex izzomm zewg seduti ghall-provi attrici; u tas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2006 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm mill-Assistent Gudizzjarju l-ahhar seduta ghall-provi attrici u wara li jigu pprezentati affadivts tal-konvenuti f’terminu ta’ 40 jum u li fl-ahharnett jigu ffisati zewg seduti ghall-provi tal-konvenuti kollox kif jidher mill-verbal a fol. 100 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiema prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-22 ta’ Frar 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo biex tiffissa tliet seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici sal-ahhar ta’ Mejju 2007, u terminu iehor ghall-affidavits konvenuti u tliet seduti ghalll-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti.

Rat in-nota ta’ rinunzja tal-Avukat Dr. Emmy Bezzina datata 31 ta’ Dicembru 2007 (fol. 143) fejn irrinunzja ghall-patroncnju tas-socjeta’ attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` tax-Xandir u tal-Kap Ezekuttiv Dr. Kevin Aquilina datata 25 ta’ Jannar 2010 a fol 201 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo li gie mahluf fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2011 a fol 216 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tas-17 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejhet l-kawza deher Joseph Baldacchino ghas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-konvenuti u d-difensuri taghhom imsejha diversi

drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2012.

Rat ir-rikors tal-Awtorita' tax-Xandir datat 24 ta' Novembru 2011, id-digriet datat 29 ta' Novembru 2011, dak tal-4 ta' Jannar 2011; rat li n-notifika lill-kontro-parti tal-istess rikors saret biss fl-4 ta' Jannar 2011, u ghalhekk b'digriet datat 18 ta' Jannar 2011 il-Qorti cahdet it-talba kontenuta fl-istess rikors.

Rat r-rikors tal-konvenuti datat 20 ta' Jannar 2012 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Jannar 2012 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' kritika hemm anness mal-istess rikors.

Rat il-verbal datata 31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici Smash Communications Limited qeghda tilmenta dwar akkuza u kundanna li l-Awtorita' tax-Xandir konvenuta permezz tal-konvenut Chief Executive Dr. Kevin Aquilina ghamlet fir-rigward tal-Programm (Minibus) permezz ta' komunikat datat tlettax (13) ta' April 2004 (Dok. "ALPHA 1") u dan taht l-**Att dwar ix-Xandir – Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li huwa necessarju taghmel analizi tal-fatti qabel ma tidhol fil-kwistjonijiet legali u dan

ghaliex hawnhekk ghandha kaz fejn il-procedura, li jirrizultaw mill-fatti, hija fil-fatt il-mertu tal-kawza stess.

Illi jirrizulta li l-konvenut *Chief Executive* Dr. Kevin Aquilina ghas-socjeta' konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir kien ikkonkluda minn *‘monitoring report’* li kien hemm ‘*credit estensiv bi ksur tal-paragrafu 20 tat-Tielet Skeda ta' l-Att dwar ix-Xandir’.* B’hekk is-socjeta’ Smash Communications Limited giet akkuzata bi ksur ta’ dan il-paragrafu u giet mitluba thallas penali kif stabbilit fl-**Att dwar ix-Xandir (Kap. 350)** fl-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, dsatax (19) ta' April 2004.

Illi l-programm in kwistjoni kien ixxandar fuq Smash TV nhar l-ewwel (1) ta' April, 2004, l-akkuza u l-kundanna saru fit-13 ta’ April 2004. Is-socjeta' attrici ikkontestat din l-akkuza u kienet giet iffissata seduta mill-Awtorita' tax-Xandir fil-prezenza ukoll tal-konvenut *Chief Executive* ghal nhar it-Tlieta, ghoxrin (20) ta' April, 2004.

Illi s-socjeta` attrici tikkontendi li l-konvenut *Chief Executive* Dr. Kevin Aquilina bhala impjegat tal-Awtorita’ tax-Xandir irressaq l-akkuza u l-istess Awtorita' tax-Xandir tiggudika fuq tali akkuza immorru kontra l-principju *nemo iudex in causa propria* u argument allura huwa li l-Awtorita’ qed tagixxi ta’ mhallef fuq akkuza li tohrog hija stess tramite l-impjegat taghha l-Kap Ezekettiv u huwa ngust li wiehed jigi akkuzat u ggudika mill-istess sors.

Illi dan l-ilment giet ivverballizzat fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' April 2004 u l-partijiet iddeciedew li tkun din il-Qorti li tiddeciedi dwar dan il-punt procedurali pero’ essenzjali fil-sistema ta’ Ligi ta’ pajjizna.

Illi jihder li din il-vertenza hija dwar jekk il-proceduri l-Awtorita' tax-Xandir hekk kif kompost mill-ligijiet vegenti illum imorrux kontra l-principji tal-Gustizzja Naturali hekk kif hawn enuncjati.

Illi jidher li l-*iter* kollu ta' tali proceduri gew indikati minn Dr. Kevin Aquilina fis-seduti quddiem il-Qorti u huma f'dan il-kaz is-segwenti:-

(a) Il-programmi kollha fl-Iskeda tax-xandir tad-diversi stazzjonijiet huma suggetti ghal *random monitoring* minn *programme monitors* impjegati ta' l-Awtorita';

(b) Illi jekk min jiskrutinizza l-programm jidhirlu li hemm nuqqas, jaghmel rapport u jghaddih lill-*Head of Programme Monitors* illi mbaghad ighaddi l-istess rapport lill-Kap Ezekuttiv;

(c) Illi jekk il-Kap Ezukettiv imbaghad johrog l-akkuzi fid-dawl ta' dawn il-*Monitoring Reports* (jew gieli wkoll ghaliex ikun ra programm huwa stess);

(d) Illi l-Kap Ezekuttiv jaghti avviz ta' akkuza lix-xandar, u jinformah li skond l-**artikolu 41 tal-Kap. 350,** jekk jaghzel li jammetti l-akkuza, minflok jikkontestaha, l-akkuzat ikun intitolat li jhallas penali amministrattiva ridotta. Fl-ittra jigi ndikati terminu ta' sitt ijiem sabiex tithallas il-penali, u d-data u l-hin meta l-akkuzat ghandu jidher, jekk ikun irid jikkontesta l-akkuza quddiem l-Awtorita, u allura ma jhallasx tali penali;

(e) Illi l-Kap Ezekuttiv ighaddi kopja tal-akkuza u tal-*monitoring report* li jkun hemm anness maghha lis-Segretarja tal-Bord tal-Awtorita', sabiex dan ihejji l-Agenda ghall-membri tal-Awtorita' nnifisha. Ma' l-Agenda, is-Segretarju jibghat ukoll l-akkuza u l-*monitoring report* bhala *enclosure;*

(f) Illi s-Segretarju tal-Bord jimxi mad-dati ta' l-appuntamenti ta' l-akkuzi li jigu stabilliti mill-Kap Ezekuttiv fl-akkuza li tinhareg kontra l-istazzjon;

(g) Dakinhar tas-smigh, il-Kap Ezekuttiv jaqra l-akkuza, imbaghad l-istazzjon iressaq il-provi tieghu, u wara l-Awtorita' tiddeciedi u taghti s-sentenza.

Illi qabel kaz ma jasal quddiem l-Awtorita' tax-Xandir hemm regolament partikolari mahrug taht l-**artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir** li a bazi tieghu giet stabbilita l-procedura illi ghandha tigi segwita fil-kaz ta' akkuzi amministrattivi. L-akkuzi jinhargu mill-Kap Ezekuttiv skond dik il-procedura. Il-process sabiex tinhareg l-akkuza jkun inbeda billi l-*Monitoring Department* jibghat *transcript* (bhal dak a fol. 13 tal-process) u l-filmat relattiv lill-Kap Ezekuttiv;

Illi jigi osservat li l-konvenut Dr. Kevin Aquilina jikkonferma li sia huwa, bhal Kap Ezekuttiv u sia il-haddiema fid-Dipartiment tal-*Monitoring* huma impjegati ta' l-Awtorita`. Ix-xhud jghid ukoll li l-*monitoring* isir regolarment fuq certu programmi u ohrajn jigu *monitored randomly* hekk kif stabbilit fl-**Att Dwar ix-Xandir**. Ikompli x-xhud li f'kaz illi jkun hemm xi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Ligi jew tar-Regolamenti, isir rapport bil-miktub mill-*Head of Monitoring* u jintbaghat lill-Kap Ezekuttiv flimkien mal-*cassette* relattiv. Ir-rapport jigi mghoddi lil Kap Ezekuttiv u mhux lill-Awtorita' tax-Xandir.

Illi meta tinhareg l-akkuza, l-istazzjon jircievi wkoll kopja tal-*monitoring report* illi fih ikun hemm id-dettalji dwar dawk il-partijiet tal-programm illi, skond l-akkuza ikun hemm ksur tal-Ligi fihom. L-istazzjon jista', ghalhekk jivverifika mar-*recordings* tal-programmi tieghu stess u jgib il-provi tieghu kuntrarjament ghal dak illi jkun qieghed jinghad fl-akkuza u fil-monitoring report

Illi Dr. Kevin Aquilina jghid li meta l-Kap Ezekuttiv jidhirlu illi kien hemm kaz ta' ksur tar-regolamenti, u konsegwentement johrog l-akkuza, jiccekkja mas-Segretarju ta' l-Awtorita' tax-Xandir sabiex jara d-data meta l-akkuza ghandha titqieghed fuq l-Agenda ta' l-istess Awtorita'. Is-Segretarju ta' l- Awtorita` jibghat kopja ta' l-istess akkuza till-membri tal-Bord ta' l-Awtorita' tax-Xandir, flimkien ma' l-Agenda. Imbaghad, il-Kap Ezekuttiv jinnotifika lill-istazzjon bl-akkuza illi jkun hareg, iffirmata minnu stess, flimkien mar-Rapport tad-Dipartiment tal-*Monitoring.* Ix-xhud iddikjara illi meta jifformola l-akkuza, huwa dejjem izomm f'mohhu illi, skond il-Ligi, l-istazzjon

jista' jikkontesta d-decizjoni tieghu quddiem tribunal indipendenti, u kwindi huwa jinforma lill-istazzjon li hemm rimedju illi jista' jigi ezercitat. Il-**Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili** jipprovdi ghal certi proceduri fil-Qorti mentri l-**Att dwar ix-Xandir** jipprovdi ghal certi proceduri fil-kaz ta' reat amministrattiv illi x-xhud, bhala l-Kap Ezekuttiv, huwa marbut illi jimxi mieghu. Ix-xhud irrileva illi din il-procedura tapplika mhux ghal cittadini fil-hajja ta' kuljum izda ghal stazzjonijiet illi jafu, skond il-licenzja taghhom, liema huma l-Ligijiet illi huma regolati bihom.

Illi skont l-**artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir** jistabbilixxi kif tinhareg l-akkuza fil-konfront ta' l-istazzjon mentri l-**Hames Skeda ta' l-Att dwar ix-Xandir** tispecfika kull disposizzjoni ta' l-istess Att illi gie dipenalizzat u tistabbilixxi penali minima u massima. Tispecifika wkoll illi meta l-Kap Ezekuttiv johrog l-akkuza, dan ghandu jinforma lill-istazzjon bil-penali minima illi l-akkuzat jehel jekk jammetti l-akkuza. Meta tintbaghat l-akkuza, l-istazzjon jigi informat ukoll li jekk jaghzel illi jikkontesta l-akkuza, irid jikteb ittra lill-Kap Ezekuttiv u sussegwentement issir seduta quddiem l-Awtorita`.

Illi mistoqsi kif izewweg il-kuncett illi bhala Kap Ezekuttiv ma jsibx entita' hatja pero' fl-istess hin din l-entita' jew thallas il-multa ridotta inkella ser tiffaccja l-possibilita' ta' multa akbar, il-konvenut Dottor Kevin Aquilina wiegeb illi huwa jaghmel evalwazzjoni *prima facie* sabiex jara jekk hemmx kaz ta' ksur tat-Ligi jew le, imbaghad wara illi johrog l-akkuza sta ghall-istazzjon illi, jew jaccetta l-htija jew jikkontesta l-apprezzament li f'dan il-kaz huwa ikun ghamel.

Illi dwar l-Awtorita` tax-Xandir jirrizulta li din tiltaqa' kull nhar ta' Tlieta u l-Kap Ezekuttiv isir jaf x'*items* ikun hemm fl-Agenda illi tinhareg fil-jum tal-Gimgha precedenti u ghalhekk ikun jaf fejn hemm *slot* vojta sabiex ikun jista' jpoggi fiha l-akkuzi. Il-Kap Ezekuttiv ikollu f'idejh kopji ta' l-agendi ta' diversi gimghat ghalkemm m'huwiex l-uniku persuna illi tiffissa *items* fuq l-Agenda. Il-Kap Ezekuttiv jiffissa d-data u l-hin wara illi jkun ikkomunika mas-

Segretarju ta' l-Awtorita’ u wara illi jkun ghamel evalwazzjoni unilaterali ta' I-akkuza, *prima facie*. Il-procedura illi jibda l-Kap Ezekuttiv tista' tintemm minghajr ma tmur quddiem l-Awtorita ghaliex l-istazzjon jista' jammetti l-istess akkuza, jew inkella l-Kap Ezekuttiv stess jista' jirtira l-akkuza. F'kaz illi stazzjon ihallas il-multa qabel is-seduta ffissata, dakinhar tas-seduta, il-Kap Ezekuttiv jidher quddiem it-Bord, jurihom il-fotokopja tac-cekk illi jkun gie mhallas u jirtira l-akkuza proprju in vista tal-fatt illi l-istazzjon ikun hallas il-penali.

Illi x-xhud ikompli billi jghid li jekk stazzjon jaghzel illi ma jammettix u jikkontesta l-akkuza, dan allura jidher quddiern Bord indipendenti (ossia l-Awtorita' tax-Xandir innifisha) hawnhekk il-Kap Ezekuttiv kif ukoll il-parti l-ohra jkollhom dritt ghal smigh xieraq, jaghmlu l-kaz u mbaghad tiddeciedi l-kaz l-Awtorita’. Id-dritt ta' kontestazzjoni ta' l-akkuza qieghed f'idejn I-akkuzat u jekk jidhirlu illi jrid jikkontesta l-akkuza dan jista' jaghmlu billi jidher quddiem I-Awtorita' u jikkontestaha f'dak l-istadju.

Illi mistoqsi ghaliex qabel ma tissemma l-multa ma tinghatax opportunita' lill-persuna akkuzata illi tirreagixxi ghall-gudizzju tieghu, ix-xhud ighid illi l-procedura illi jaddotta hija dik illi tistabilixxi l-Ligi u jekk jaghmel mod iehor ikun qieghed jagixxi lil hinn illi taghtih l-istess Ligi.

Illi normalment il-Kap Ezekuttiv jigi informat personalment illi stazzjon ikun ser jikkontesta l-akkuza, imbaghad ighid lis-Segretarju ta' l-Awtorita' sabiex ipoggiha fuq I-Agenda ta' l-istess Awtorita', ghalkemm jista' jkun illi s-Segretarju jigi informat direttament mill-istazzjon illi l-akkuza ser tigi kontestata.

Illi jekk stazzjon jaghzel illi jikkontesta u jmur quddiem l-Awtorita', jista' jigi liberat. Mill-banda l-ohra, jekk jitlef il-kaz, skond **artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir**, id-decizjoni mhux necessarjament tkun penali amministrattiva, peress illi hemm kazijiet fejn l-Awtorita' twiddeb lill-istazzjon minghajr ma timponi penali.

Illi meta gie lilu suggerit illi l-Kap Ezekuttiv ikun jaf *a priori* dwar il-gudikant u d-data ta' l-appuntament, ix-xhud qal illi hu sempliciment jistaqsi lis-segretarju internament permezz ta' telefonata dwar meta jista' jiskeda s-seduta u fil-fatt, jekk irid, jista' ma jiktibx id-data tas-smigh, izda hu jaghmel dan sabiex ma joqghodx jikteb zewg ittri.

Illi waqt il-laqgha ta' l-Awtorita', ix-xhud jghid li huwa jressaq il-kaz quddiem l-istess Awtorita' billi jaqra l-akkuza illi tkun diga' ntbaghtet lill-istazzjon. L-ewwel darba illi l-Kap Ezekuttiv jiddiskuti l-akkuza quddiem il-Bord tkun meta ssir is-seduta quddiem l-Awtorita' tax-Xandir, u dan isir fil-presenza ta' l-istazzjon ghalkemm il-Bord isir jaf bl-akkuza qabel, ossia meta tohrog l-Agenda mis-Segretarju.

Illi l-Kap Ezekuttiv sostna li ma huwa ma jippartecipax fid-delibrazzjonijiet u lanqas jiddeciedi dwar l-akkuzi, ghaliex dawk huma funzjonijiet ta' l-Awtorita'. Dr. Kevin Aquilina cahad li fl-assenza tal-partijiet akkuzati, l-Awtorita' tax-Xandir jista' jkollha access ghal materjal minghajr ma l-partijiet ikunu jafu bih.

Illi l-konvenut Dr. Kevin Aquilina gie mistoqsi wkoll dwar dak fil-fatt gara fis-smigh ta' l-akkuza mertu ta' dawn il-proceduri. Spjega illi effettivament, il-Ligi ma tipprovdix dwar is-soprasessjoni, izda f'dan il-kaz, l-Awtorita' dehrilha illi kien gust illi punt ta' certu importanza legali jigi dibattut quddiem it-Qorti u ghaldaqstant qablet illi tissoprassjedi sakemm tkun tista' ssir din il-kawza. Ix-xhud esebixxa estratt mill-Minuti ta' l-4 ta' Mejju 2004 mmarkat bhala Dok.  “M1” u estratt mill-minuti ta' l-1 ta' Lulju 2004 mmarkat bhala Dok. “M2” li minnhom irrizulta li l-Avukat Dottor Emmy Bezzina kien talab lill-Awtorita` illi tissoprassjedi sabiex ikun jista' jipprezenta kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ossia dawn il-proceduri). Jirrizulta wkoll illi Dottor Edward Zammit Lewis, illi wkoll kien deher ghall-istazzjon, kien esebixxa kopja tac-Citazzjoni mertu tal-kawza odjerna, *seduta stante* quddiem l-Awtorita’ tax-Xandir.

Illi kien ghalhekk li l-Awtorita' tat terminu ta' xahar sabiex issir il-kawza izda meta dak it-terminu skada inutilment, il-

Kap Ezekuttiv irrapporta dan lill-Awtorita` u din iddecidiet illi l-proceduri setghu kwindi jitkomplew. Ghalhekk, is-Segretarju tal-Bord kiteb lil Smash Communications Limited u qieghed l-akkuza fuq l-Agenda sabiex tkompli tinstema', izda s-seduta effettivament ma saritx ghaliex gie pprezentat Mandat ta' Inibizzjoni f'dan ir-rigward. Fil-verita' l-Mandat ta' Inibizzjoni gie michud. B'danakollu, l-Awtorita' ma appuntatx l-akkuza ghall-kontinwazzjoni u ghalhekk din l-akkuza partikolari ghadha pendenti quddiem l-Awtorita' *ut sic.*

Illi s-socjeta` attrici tilmenta ukoll li l-Awtorita' tax-Xandir tigi appuntata miz-zewg partiti, liema partiti ghandhom in-nies taghhom fl-Awtorita' tax-Xandir, u dawn huma l-istess nies illi jaghmlu l-*policies* ghall-Awtorita'. Il-Gvern jahtar lic-Chairman illi suppost irid jibbilancja l-erbgha illi huma tnejn min-naha tal-Partit Nazzjonalista u tnejn min-naha tal-Malta Labour Party. Joseph Baldacchino jghid li ghal perijodu ta' zmien, is-socjeta' attrici qatt ma giet immultata, izda mbaghad f'daqqa wahda l-istess socjeta' sabet ruhha akkuzata, skont hi, mill-istess nies illi ser jiddecidu l-akkuzi li saru fil-konfront tas-socjeta’ minnu rappresentata. Is-socjeta' attrici hasset illi ghandha tiftah dawn il-proceduri ghaliex l-istess nies illi johorgulhom l-akkuza, kienu qieghdin jidhru quddiemhom u jkunu l-gudikanti taghhom, iressqu l-provi u jiddeciedu l-kaz huma stess. L-Ex Chief Executive illi llum jappartjeni lill-Bord ta' l-Awtorita' tax-Xandir huwa l-istess persuna illi llum qieghda timplimenta affarijiet illi ma kienx jimplimenta qabel, u allura qieghed ikun hemm pressjoni fuq nies ohrajn biex isiru dawn l-affarijiet. Ix-xhud jinsisti illi l-posizzjoni illi qed tiehu l-Awtorita' tax-Xandir illi tohrog l-akkuza u tressaq il-provi u tiggudika hi stess, u dan qed tippregudikah serjament. Hu tal-fehma illi ghandu jkun hemm Bord iehor sabiex jiggudika u illi l-persuna akkuzata tkun tista' tappella minn tali decizjoni illi jiehu dan it-Bord, kif jitolbu l-gustizzja u d-demokrazija. Ighid illi meta l-Awtorita' tax-Xandir ikunu hargu l-akkuza, ikunu diga' ddecidew illi hemm xi ksur u allura jkunu diga' ddecidew illi hati. Imbaghad wara jwahhluk l-akkuza u ghaldaqstant l-Awtorita' tax-Xandir ma tistax titqies bhala gusta u imparzjali. Ic-*Chief Executive* imexxi l-kelma tal-Bord u

ghalhekk ghandu jkun hemm bord iehor illi l-klijenti ta' l-Awtorita' tax-Xandir jidhru quddiemu sabiex jiggudika jekk kienx sar xi nuqqas.

Illi dwar il-principji ta’ stharrig amministrattiv *(judicial review)* u l-principji ta’ gustizzja naturali huwa pacifiku illi l-ligi amministrattiva Maltija hija bbazata fuq dik Ingliza **(ara “Cassar Desain vs Forbes noe”** A.C. - 7 ta’ Jannar 1935 u **“Lowell et vs Caruana et”** P.A. - 14 ta’ Awwissu 1972). Kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel ma l-Parlament Malti introduca ligijiet *ad hoc*. Il-Qrati Maltin minn dejjem affermaw illi fejn kellna tirrizulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) japplikaw il-principji tal-Ligi Ingliza.

Illi fil-ktieb **Garner’s Administrative Law, B.L Jones** jghid illi, *‘in circumstances where the gravity of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a) where a statute expressly confers a right of appeal to a named court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory funcition, to ensure that ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed.’* **(Jones, B.L., Garner’s Administrative Law, Page 107/108).**

Illi fil-kawza **“Dr Anthony Farrugia v Electoral Commissioner” (**A. C. 18 ta’ Ottubru 1996) gie ritenut li l-Kummissjoni Elettorali hija awtorita’ kwasi gudizzjarja u b’hekk mhix soggetta ghar-regoli ta’ stharrig dwar eghmil amministrattiv ai termini tal-**artikolu 469A**. Izda minkejja dan xorta wahda d-decizjonijiet tal-Kummissjoni jistghu jkun mistharga taht il-poteri konferiti lill-qrati ordinarji biex

jistharrgu decizjonijiet minn kull awtorita' gudizzjarja jew kwasi gudizzjarja.

Illi fil-kawza **"Anthony Cassar pro et noe vs Accountant General"** (P.A. - 29 ta' Mejju, 1998) gie ritenut li *"Ghandu jinghad li llum huwa stabbilit, mill-gurisprudenza taghna, li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta kwalsijasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex tassigura li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta li potesi tal-ligi u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord u dan billi, la darba l-ligi afdat il-funzjoni kwazi - gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi.'* Fil-kawza citata l-Awditur Generali kien ghamel stima ta' taxxa *ex officio* a tenur tal-**artikolu 10 (1) tal-Att Nru. XXII tal-1990** u l-attur *proprio et nomine* appella minn din id-decizjoni a tenur tal-artikolu 11 tal-ligi imsemmija, u dan quddiem il-Bord tal-Appelli kkreat appositament mil-ligi in kwistjoni.

Illi minn dan ukoll jirrizulta li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri *'kwazi gudizzjarji'* ta' bord amministrattiv, tribunal jew anki entita' amministrattiva li ghandha l-kompitu li tiddeciedi fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev Erik Golicher noe"** (A.C. – 26 ta' Gunju 1953) *"The rules of Natural Justice denote certain principles which must be followed by all who discharge judicial functions. These are that a man must not be a judge in his own cause and that both parties must be heard".'* Inghad ukoll li *"When no statutory right of appeal is given from these special or administrative tribunals, their decisions are liable to review by the Courts of Law, only on purely technical grounds, such as lack of jurisdiction or want of natural justice".*

Illi ghalkemm il-principju tal-Gustizzja Naturali *nemo iudex in causa propria* kien originarjament japplika ghall-Qrati Civili, konsegwentement ghat-tkabbir tas-setghat amministrattivi, dan gie estiz ukoll ghall-isfera amministrattiva:-

*‘To encompass not only the action of administrative bodies acting 'judicially' but also ... the actions of administrative bodies taking certain types of decisions of an 'administrative nature'. It is enough to show that this decision was followed by an order: And [the court] will not inquire what the particular question was... the court was improperly constituted... that rendered the decision invalid.’* **(Garner's Administrative Law, p.170)**

Illi effettivament, bl-introduzzjoni u estensjoni tat-tribunali amministrattivi, l-applikazzjoni tal-principji ta' Gustizzja Naturali gew estizi wkoll ghal entitatijiet kwazi gudizzjarji. Il-Qrati Maltin imxew fuq il-kazistika Ingliza illi fejn ikun hemm korp illi jezercita funzjoni gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, dan ikun obbligat ills josserva l-principji ta' Gustizzja Naturali. Hekk insibu, fil-kawza **“Neg. Ugo Pace et vs Prof. Joseph Anastasi Pace noe”** (P.A. - 1 ta' Mejju 1946) inghad illi:-

*"Illi ma hemmx dubju li fl-izvilupp kostituzzjonali Ingliz bdew jigu moghtijin lill-ufficjali amministrativi mhux hiss poteri legislattivi ("delegated legislation"), imma anki poteri "quasi judicial", li jimplikaw is-setgha Ii tittiehed decizjoni in parti "judicial" u in parti "executive", taut li tissejjah anki "executive discretion".*

*"Illi dawn id-"discretionary powers" jistghu jigu mqassma f’zewg kategoriji; dawk li jaghtu diskrezzjoni assoluta jew "executive" u dawk li jaghtu diskrezzjoni "judicial" jew "quasi judicial". Fil-kaz ta' l-ewwel "there can be no appeal to a court of law", fit-tieni kaz, doe' fejn id-"discretionary powers" huma "judicial" jew "quasi judicial": "their exercise may be questioned in the Courts", imma biss biex wiehed jara jekk id-"discretion" gietx "properly exercised", jigifieri jekk gietx ezercitata legalment, fis-sustanza u fil-forma u skond "the rules of natural justice".*

Illi gie ritenut illi t-tribunali amministrattivi ghandhom, kemm jista' jkun, jiddeciedu l-kwistjonijiet bl-istess mod bhall-Qrati ordinarji. Fl-istess sentenza appena citata, gie ritenut illi l-principji ta' Gustizzja Naturali japplikaw ghal atti ta' natura gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja. Dawn gew definiti fil-kawza fl-ismijiet **“Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev. Erik Gollcher noe** (A.C. - 26 ta' Gunju 1953) fejn gie kkwotat **Wade and Philips, Constitutional Law, Longman's,** New Impression 1952, pg. 274):-

*"In general, it may be said that a power involves a judicial element whenever it involves the decision of a dispute. When the decision primarily involves the application of the law to facts, it is a judicial process. When the final decision primarily involves an exercise of discretion based on policy, it is a quasi-judicial process."*

Illi in oltre, l-Qrati Ordinarji jistghu jiddikjaraw kwalunkwe att amministrattiv null, invalidu jew minghajr effett meta l-istess att amministrattiv huwa *ultra vires* fuq il-bazi illi awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji ta' Gustizzja Naturali.

Illi l-konkluzjoni li taghmel din il-Qorti mill-assjem tal-prinicipji u gurisprudenza hawn fuq citata hija wahda semplici fis-sens li kull att amministrattiv ta’ awtorita` pubblika fis-sens l-aktar wiesgha tal-kelma, li jaffettwaw id-drittijiet ta’ persuni terzi, u kull decizjoni ta’ kull Qorti, Bord jew Tribunal, li taffettwa d-drittijiet ta’ persuni terzi, ta’ natura gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja huma effettivament sindakabbli mill-Qrati Ordinarji ta’ pajjizna fid-dawl tal-principji tal-Gustizzja Naturali u biex il-Qrati jassiguraw li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta` l-ipotesi tal-ligi.

Illi ghalhekk jekk nibqghu ghall-ezempju ta’ dan il-kaz, id-decizjoni (jew anke nuqqas ta’ azzjoni) tal-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` tax-Xandir hija sindakabbli mill-Qorti, kif ukoll hija d-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita` tax-Xandir. Pero’ dan l-ezempju huwa ftit svjanti ghaliex kif se jinghad iktar ‘l

isfel id-differenza, jew ahjar divizjoni, bejn dawn iz-zewg ‘entitajiet’ ma hijiex daqshekk cara.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kawza odjerna kif tosserva anke l-Perit Legali il-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri titwieled mhux mill-Kostituzzjoni nnifisha izda mill-**Att dwar ix-Xandir (Kap 350 tal-Ligijiet ta' Malta).** L**-artikolu 5 tal-Att dwar ix-Xandir** huwa ddedikat lill-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita` illi jinhatar mill-Awtorita' nnifisha, wara illi jkun hemm sejha pubblika **(artikolu 5 (3) ta' l-Att dwar ix-Xandir).** Ghalhekk jirrizulta li l-Kap Ezekuttiv huwa impjegat ta' l-Awtorita` u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu jigu stabbiliti bi qbil mal-Prim Ministru **(artikolu 9 ta' l-Att dwar ix-Xandir).**

Illi l-persuna illi tinhatar bhala Kap Ezekuttiv tista' tigi delegata s-setghat u d-dmirijiet illi l-Awtorita' jidhrilha mehtiega jew xierqa sabiex taghtih setgha illi jmexxi x-xoghol ta' l-Awtorita' nnifisha **(artikolu 5 (3) ta' l-Att dwar ix-Xandir).** Ghalhekk id-delegazzjoni tal-poteri u d-dmirijiet mill-Awtorita` lill-istess Kap Ezekuttiv mhix limitata, u effettivament, mhux biss hemm ness qawwi bejn l-Awtorita' u l-Kap Ezekuttiv taghha, talli jista' jinghad illi l-Kap Ezekuttiv huwa l-*lunga manus* ta' l-Awtorita'. Essenzjament, legalment, ma hemmx distinzjoni bejn l-Awtorita' u l-Kap Ezekuttiv taghha, u lanqas bejn il-funzjoni u l-hidmiet taghhom.

Illi huwa inkontestat f’din il-kawza li l-akkuzi fil-konfront ta' l-istazzjonijiet tax-xandir jinhargu mill-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita` tax-Xandir, filwaqt illi d-decizjonijiet relattivi ghall-istess akkuzi jittiehdu mill-Bord ta' l-Awtorita` tax-Xandir. Il-fatti kif irrizultaw mill-provi, ma jindikawx li l-Kap Ezekuttiv jiehu decizjoni imbaghad dik id-decizjoni tista` tigi appellata fil-Bord tal-Awtorita` tax-Xandir. Il-hrug tal-akkuzi u d-decizjoni hija parti mill-istess sistema fejn il-Kap Ezekuttiv u l-Bord jidher li huma kumplimentari ghal xulxin.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo spjegat l-*iter* tal-proceduri b’mod akkurat u dan gie anke riprodott f’din is-sentenza iktar il-fuq u ghalhekk qed

issir riferenza ghall-istess u ghal dak indikat f’pagna 51 u 52 tar-rapport legali.

Illi s-socjeta' attrici tissottometti illi l-fatt illi l-prosekutur illi jressaq l-akkuza, ossia l-Kap Ezekuttiv, huwa impjegat ta' l-Awtorita' tax-Xandir illi tiggudika l-istess akkuza, imur kontra l-principju *nemo iudex in causa propria*. L-argument huwa fis-sens illi l-Awtorita' qed tagixxi ta' mhallef fuq akkuza illi tohrog hija stess tramite l-impjegat taghha l-Kap Ezekuttiv, u illi huwa ingust illi wiehed jigi akkuzat u ggudikat mill-istess sors. Il-principju *nemo iudex in causa propria* qieghed jigi lez mill-konvenuti stante illi l-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita` tax-Xandir, illi jressaq l-akkuza u jagixxi ta' prosekutur, huwa ufficjal u impjegat ossia d-delegat ta' l-istess Awtorita' tax-Xandir, illi hija l-gudikant. In oltre, l-akkuzi ma jistghux jigu ikkontestati mill-ewwel u cioe` b’xi tip ta’ *‘challenge’* kontra l-Kap Ezekuttiv. Effettivament il-Bord tax-Xandir qisha tohrog l-akkuzi u tiggugudika fuq l-akkuzi li tkun harget hija u dan ghaliex id-distinzjoni bejn il-Kap Ezekuttiv u l-Bord mhux assoluttament cara fil-ligi stess, u dan anke ghaliex l-istess Kap Ezekuttiv jirrispondi bil-Ligi lejn l-istess Awtorita’ li taghha huwa ufficjal.

Illi il-fatt li l-Kap Ezekuttiv huwa mahtur mill-Awtorita' tax-Xandir stess u jaqdi l-funzjonzijiet li din joghgobha tiddelegalu, u ghalhekk huwa parti integrali mill-istess Awtorita', jew ahjar kif diga' nghad precedentement, il-*lunga manus* taghha. Huwa ghalhekk illi s-socjeta' attrici qieghda ssostni illi akkuza illi tinhareg mill-konvenut Kap Ezekuttiv ma tistax tinstema' u tigi deciza mill-konvenuta Awtorita' tax-Xandir minghajr ma jinkiser il-principu *nemo iudex in causa propria* u dan l-ilment jidher illi huwa gustifikat.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni u li ghamlet il-Perit Legali f’dan ir-rigward fis-sens li huwa minnu li l-Ligi tax-Xandir taghmel separazzjoni bejn il-Kap Ezekuttiv li johrog l-akkuza, u l-Awtorita' tax-Xandir li tiddeciediha. Huwa wkoll minnu illi l-Kap Ezekuttiv ma jiehux parti fid-deliberazzjonijiet u fid-decizjonijiet ta' l-Awtorita' tax-Xandir, u fil-fatt lanqas ghandu vot. Madanakollu, din id-

distinzjoni ma jidhrix li hija sufficjenti sabiex jigi rispettat il-principju *“nemo iudex in causa propria”*. Dan ghaliex, apparti l-fatt illi, legalment il-Kap Ezekuttiv huwa d-delegat ta' l-Awtorita’ tax-Xandir **(artikolu 5 u 7 ta' l-Att Dwar ix-Xandir),** fil-prattika hemm hafna interazzjoni u komunikazzjoni bejn iz-zewg konvenuti f'din il-kawza. Effettivament, il-prosekutur u l-gudikant fil-kazijiet dixxiplinarji in ezami, jagixxu mill-istess ufficini, bl-istess impjegati u b'komunikazzjoni interna bejniethom. Sahansitra l-Kap Ezekuttiv, ossia l- Prosekutur, huwa mhallas mill-istess Awtorita' tax-Xandir, ossia l-gudikant! Jekk wiehed jittrasponi din is-sitwazzjoni fil-Qrati ordinarji, ikollu sitwazzjoni fejn l-iSpettur iressaq l-akkuza, u l-Kummissarju jkun il-gudikant! jew l-Imhallef jiddeciedi kawza mressqa mill-Assistent Gudizzjarju illi jahdem fl-istess ufficju tieghu u bl-istess infrastruttura. Haga illi certament mhix desiderabbli fejn il-gustizzja mhux biss jehtieg illi ssir, izda trid ulcoll tidher li qieghda ssir (fol 52 u 53 tal-process).

Illi din il-kritika tas-sistema ma hijiex indirizzata bl-ebda mod lejn xi nuqqas fil-persuna tal-konvenut Dottor Kevin Aquilina illi spjega kif fil-prattika, fil-hrug ta' l-akkuzi, huwa kien jagixxi kompletament *motu proprio* minghajr ma jkollu jew ifittex id-direzzjoni ta' l-Awtorita'. Izda din l-indipendenza ta’ l-azzjoni kif prattikata, mhix sufficjenti sabiex f’socjeta’ demokratika jinghad li l-principju *nemo iudex in causa propria* qieghed jigi rispettat – ghaliex l-infrastruttura u s-*set-up* ezistenti, u potenzjalment jekk jigu appuntati persuni li jista’ ma jkollhomx l-integrita’ li kellhom jew ghandhom il-persuni li kienu jokkupaw il-karigi fiz-zmien li gie sollevat dan l-ilment mis-socjeta’ attrici, huwa wisq facli li jkun hemm indhil, interferenza jew sahansitra kolluzjoni bejn il-prosekutur u l-gudikant f-akkuzi in ezami.

Illi ghalhekk indipendentement ghal dak li jigri jew jista’ jigri fil-prattika, jidher li s-sistema kif inhi llum hija tali li tikser il-principju ta’ *nemo iudex in causa propria.* Is-sistema hija tali li l-Kap Ezekuttiv bhala impjegat u delegat ta’ l-Awtorita’, tant li skond l-**artikolu 5 tal-Kap. 350** huwa ndikat bhala *“Chief Executive ta’ l-Awtorita’”*

oggettivament u effettivament ma huwiex funzjonarju li huwa ndipendenti mill-Awtorita' u allura f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-prosekutur huwa indipendenti u mhux suggett ghall-indhil, interferenza jew sahanistra kolluzjoni ma' l-Awtorita'. Mil-lat l-iehor, lanqas jista' jinghad li l-Awtorita' hija *supra partes* u ghal kollox indipendenti u imparzjali minnhom, peress li wiehed mill-partijiet fil-kawza, ossia l-prosekutur, huwa effettivament impjegat tal-gudikant, f'dan il-kaz l-Awtorita' tax-Xandir u ghalhekk certament li fit-teorija (anke jekk mhux bilfors fil-prattika – almenu din mhix il-lamentela fil-kaz odjern) jista' jinghad li l-Awtorita' ghandha interess li tiffavorixxi lill-impjegat taghha, jew dak li qed jghid l-impjegat u sahanistra d-delegat taghha. F'dan il-kuntest japplika l-principju kif imsemmi minn **Lord Hewart CJ** fil-kawza **"R v Sussex Justices, ex parte McCarthy"** (appuntu f'kawza li kienet tirrigwardja *judicial review* u l-principji tal-gustizzja naturali) fis-sens li *"not only must Justice be done; it must also be seen to be done."* Kif inghad dan qed jittiehed fl-isfond li fl-opinjoni ta' din il-Qorti fil-kaz partikolari l-indipendenza ta' azzjoni kif prattikata u kontemplata fil-ligi, mhix sufficjenti sabiex f'socjeta` demokratika jinghad illi l-principju *nemo iudex in causa propria* qieghed jigi rispettat ghaliex bl-infrastruttura u l-kostituzzjoni prezenti.

Illi dak li qed jinghad sa issa jidher sahanistra *ictu ocoli.* Analizi aktar approfrondita tkompli tindika kemm fil-fatt il-Kap Ezekuttiv u l-Awtorita' huma maqghudin flimkien b'tali mod u manjiera li jista' jinghad li jikkostitwixxu sahanistra entita' wahda. Fil-fatt jirrizulta li l-Awtorita' tax-Xandir hija entita' mahluqa mill-Kostituzzjoni u mill-**Att Dwar ix-Xandir**, mentri l-Kap Ezekuttiv huwa impjegat u delegat ta' l-istess Awtorita' u effettivament amministrattur taghha. Dak li filfatt il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo sejhet bhala *"zewg faccati tal-istess munita – l-Awtorita' hija l-lat politiku u kostituzzjonali; il-Kap Ezekuttiv huwa l-lat amministrattiv ta' l-istess munita".* U minn hawn tibda tidher il-problema, ghaliex anke superficjalment u mad-daqqa t'ghajn u kif qal b'mod skjett u konciz Dr. Karmenu Mifsud Bonnici (affidavit – 10 ta" Mejju 2010) jekk il-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir huwa parti mill-Awtorita' tax-Xandir u jekk dak li jaghmel il-Kap Ezekuttiv jaghmlu

f’isem l-Awtorita’ tax-Xandir, meta tiddeciedi l-akkuza, l-Awtorita’ tkun qed tiggudika xi haga li saret f’isimha stess.

Illi jekk imbgahad tigi analizzata ir-relazzjoni bejn l-Awtorita’ tax-Xandir u l-Kap Ezekuttiv, issib fl-ewwel lok li l-Kap Ezekuttiv jinhatar mill-istess Awtorita' - ghalhekk sa mill-principju, ghandek sitwazzjoni illi timmina l-indipendenza bejn dawn iz-zewg konvenuti. Inoltre, il-hlas tas-salarju lill-Kap Ezekuttiv isir mill-Awtorita' tax-Xandir stess - dan huwa element iehor illi jgieghel lill-pubbliku jistaqsi dwar is-separazzjoni u l-indipendenza effettivi ta' dawn it-trtejn mien xulxin. Sahansitra, hekk kif xehed il-konvenut Dottor Kevin Aquilina fis-6 ta' April 2005, quddiem din il-Qorti, l-Awtorita' tista' titlob lill-Kap Ezekuttiv jaghmel xi verifiki u jekk ma jipprovdihomx, tista' tiehu passi dixxiplinarji kontra tieghu ghaliex huwa impjegat ta' l-Awtorita'. Ghalhekk il-Kap Ezekuttiv ghandu kull interess u huwa attwalment tenut li jimxi mal-vizjoni ta' l-Awtorita’ sabiex jissalvagwardja l-impjieg tieghu, illi jista' jigi terminat mill-istess Awtorita'. Mix-xhieda ta' Dottor Kevin Aquilina ta' l-24 ta' April 2008 jirrizulta illi d-decizjonijiet illi jirrigwardaw il-funzjonijiet tal-Kap Ezekuttiv, jittiehdu mill-Bord bil-maggoranza tal-voti tal-membri. Ghaldaqstant qajla jista' jinghad illi l-Kap Ezekuttiv jagixxi b'decizjoni personali tieghu, meta fil-fatt huwa subordinat f'kollox ghad-decizjonijiet ta' l-Awtorita’. Dawn il-kunsiderazzjonijiet gerarkici jkomplu juru n-nuqqas ta' indipendenza tal-Kap Ezekuttiv mill-Awtorita' tax-Xandir, u kwindi jikkonfermaw illi effettivament ma hemmx separazzjoni koncettwali bejn iz-zewg konvenuti, illi kwindi ma jistghux, f’socjeta' demokratika, ikunu l-prosekutur u l-gudikant rispettivament.

Illi izda apparti l-element formalistiku, jew ta' ligi industrijali jew procedurali, u forsi aktar importanti minn hekk, hemm interazzjoni kontinwa u giornaliera bejn il-Kap Ezekuttiv u l-Awtorita’, kemm fit-teorija u kif ukoll fil-prattika. Antoine Ellul, illi kien jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekuttiv mis-sena 1987 sas-sena 2000, xehed fis-seduta tas-6 ta' April 2005 illi l-Kap Ezekuttiv jahdem fuq dak illi tordna l-Awtorita` ossia *“to execute il-policy li tiddeciedi fuqha l-Awtorita'. Naturalment l-ispade work ta' hafna mill-affarijiet, ic-Chief*

*Executive kid jaghmlu. Itella' proposals jew rakkomandazzjonzjiet, jigu miflija mill-Bard, il-bond jiddeciedi u naturalment ic-Chief Executive executes dak illi jiddeciedi l-Bord”*. Ellul kompla jghid illi *“l-inizjattiva ta' hafna affarijiet jehodha kemm ic-Chief Executive u kemm naturalment b'konsultazzjoni mac-Chairman u mal-membri tal-Bord... kulhadd ighid dak illi ghandu xi jghid min-naha tal-Bord, u d-decizjonijiet imbaghad ighaddu ghand is-Chief Executive u jesegwihom”.*

Illi dan juri illi l-Kap Ezekuttiv u l-Awtorita' jahdmu u jinteragixxu b'mod u manjiera illi jrenduhom jidhru bhala haga wahda, jew ta’ lanqas bhala zewg entitajiet kompletament interdipendenti. Il-Kap Ezekuttiv Dottor Kevin Aquilina. diversi drabi insista illi l-akkuza tinhareg fuq gudizzju personali tieghu, illi hu biss ghandu d-diskrezzjoni dwar dan u illi l- Awtorita` fl-ebda punt ma tindahallu dwar l-akkuzi illi huwa johrog. Izda dak li fil-fatt jigri jista’ jkun mod iehor u dan in vista li l-istess Kap Ezekuttiv huwa dejjem d-delegat tal-Awtorita’ f’dak kollu li jaghmel, tant li hija l-ligi stess li tiddefinih bhala tali u ghalhekk huwa ma jistax jiddistaka ruhhu li minn din il-konnessjoni li hija wahda inezawribbli, u bil-ligi ma tistax tigi injortata, b’dan li allura r-realta' hija mod iehor. Dan ghaliex, minkejja l-mod diplomatiku li Dr. Kevin Aquilina irrisponda ghad-domanda mpoggija lilu fis-sens li jekk l-Awtorita’ ma tkunx kostitwita, kollox jieqaf fil-waqt li jekk ma jkunx hemm Kap Ezekuttiv l-Awtorita’ xorta timxi, izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-Kap Ezekuttiv huwa kompletament dipendenti fuq l-Awtorita’ u jesegwixxi d-decizjonijiet taghha, mentri l-Awtorita’ minghajr il-Kap Ezekuttiv (**artikolu 6 tal-Att Dwar ix-Xandir)** jew talinqas persuna li taqdi l-funzjoni ta’ Agent Kap Ezekuttiv anke jekk mhux bl-uzu ta’ tali nomenklatura, tkun bhal organu bla ebda snin – ghaliex tista’ tiehu decizjonijiet izda ma ghandha lill hadd li jista’ jezegwihom.

Illi jidher li l-intimati jsostnu li hemm dipendenza fuq decizjonijiet ta’ l-Awtorita’ fejn tidhol il-parti msejjha “politika’, izda mhux fejn tidhol il-parti ta’ l-akkuzi. Izda mix-xenarju li pprezenta ruhu f’din il-kawza, jidher li z-zewgt entitajiet konvenuti kontinwament jahdmu flimkien

f’ghaqda u tim wiehed, u jidher li hekk ghandhu jkun. Xorta wahda l-Kap Ezekuttiv sostna li fejn jidhlu akkuzi huwa ghall kollox awtonomu mill-Awtorita’ (xhieda tat-18 ta’ Jannar 2007) u dejjem insista li l-akkuzi jinhargu f’dak iz-zmien fuq gudizzju personali tieghu, u li huwa biss ghandu d-diskrezzzjoni dwar dan u li l-Awtorita’ fl-ebda punt ma tindahallu dwar l-akkuzi li huwa johrog.

Illi izda r-realta’ hija anke hawn mod iehor ghaliex l-involviment u t-twahhid ta’ l-Awtorita` jinsab fil-process jew l-*iter* kollu tal-hrug ta’ l-akkuzi kontra l-licenzjati, kif ga' delineat aktar 'il fuq. Sa mill-mument meta jibda x-xoghol tal-*monitoring* tal-programmi. Dan id-Dipartiment jappartjeni lill-Awtorita' (xhieda tal-konvenut Dotter Kevin Aquilina waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2007), huwa maghmul minn impjegati ta' l-Awtorita' u jimxi mal-*policies* illi tfassal l-Awtorita' stess (xhieda tal-konvenut Dotter Kevin Aquilina waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2007). Imbaghad, *una volta* illi l-Kap Ezekuttiv jidhirlu illi hemm ksur, l-akkuza tinhareg fuq *letterhead* u bl-indirizz u l-*email address* ta' l-Awtorita' tax-Xandir (xhieda tal-konvenut Dotter Kevin Aquilina waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2007) - il-gudikant ta' l-akkuza! Sahansitra, jekk ikun ser isir differiment, il-korrispondenza ma tibqax f'idejn il-Kap Ezekuttiv, izda tghaddi ghand il-Bord ta' l-Awtorita` u jkun is-Segretarju tal-Bord illi jikteb lis-stazzjon sabiex igharrfu bid-data tad-differiment. Dan wassal lil Dottor Kevin Aquilina sabiex jixhed, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2007 illi, fil-qasam ta' l-akkuzi dwar reati amministrattivi, il-proceduri mibdija mill-Kap Ezekuttiv (illi jara jekk hemmx kaz *prima facie* u johrog l-akkuza minghajr ma jiddeciediha) u dawk ta' l-Awtorita' tiddelibera dwar il-htija u l-piena relattiva minghajr ma jivvota l-Kap Ezekuttiv) huma konkatinati. Dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, ftit jaghti konfort ta' xi sembjanza ta’ indipendenza bejn il-prosekutur u l-gudikant.

Illi izda kif sewwa rrelevat il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo dan lanqas m'hu kollox. Ghaliex ghalkemm il-funzjonijiet tal-Kap Ezekuttiv ma jinkludux sehem fid-deliberazzjonijiet u d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' tax-Xandir, l- istess konvenut Dottor Kevin Aquilina ammetta fix-

xhieda tieghu illi huwa gieli jkun prezenti ghal-laqghat ta' l-Awtorita` fejn jigu deliberati l-akkuzi, ghalkemm ma jippartecipax fid-dibattitu peress illi lanqas ghandu vot (dan il-fatt gie kkonfermat ukoll kemm mill-Prim iMhallef Emeritus Dottor Joseph Said Pullicino fis-seduta tas-6 ta' April 2005, kif ukoll minn Antoine Ellul (ex-Kap Ezekuttiv) fix-xiehda tieghu ukoll moghtija fis-6 ta' April 2005). Ghalhekk filwaqt illi l-Kap Ezekuttiv ikun prezenti, l-akkuzat huwa ghal kollox estraneu ghaliex la jkun prezenti personalment u lanqas tramite xi konsulent legali tieghu - ghall-istess deliberazzjonijiet. Dan il-fattur ikompli jimpingi serjament fuq l-immagini ta' imparzjalita' u ta’ smigh xieraq u gust. Fil-fatt din is-sitwazzjoni hija qieshek ghandhek prosekutur li jkun prezenti waqt li l-gurati ikunu qed jiddeliberaw fuq l-akkuza, ghalkemm huwa ma jippartecipax – mentri l-akkuzat u lanqas id-difensur legali tieghu ma jkunux prezenti. Certament li dan ma huwiex accettabbli f’socjeta’ li ssejjah lilha nnfisha demokratika – u l-fatt li hawn qed nitkellmu fuq reati amministrattivi jew ksur ta’ Ligi punnibbli essenzjalment b’multi u mhux piena karcerarja ma ghandu jnaqqas xejn mill-principju.

Illi wiehed ikompli jifhem kemm hemm kuntatt dirett bejn il-Kap Ezekuttiv u l- Awtorita` meta, kif inghad fix-xhieda tal-konvenut Kap Ezekutliv Dottor Kevin Aquilina fis-6 ta' April 2005, l-Awtorita` tax-Xandir gieli tibghat ghall-istess Kap Ezekuttiv waqt id-deliberazzjonijiet taghha, ghal kjarifici teknici jew sabiex tintalab il-*history sheet* ta' l-istazzjon. Ghalhekk, ghal darb'ohra, ghandek interazzjoni inaccettabbli bejn il-prosekutur u l-gudikant fl-istadju tad-deliberazzjoni dwar l-akkuza, u certament illi ma jistax jinghad illi l-Kap Ezekuttiv assolutament m’ghandux x’jaqsam ma' l-Awtorita tax-Xandir u illi dawn jagixxu separatament u indipendentement f' din il-funzjoni.

Illi minn dan kollu jirrizulta li fil-prattika, ghandek sitwazzjoni fejn kontinwament, sa mill-bidu nett illi jsir fl-monitoring (sahansitra qabel tohrog l-akkuza) u fl-*iter* shih sakernm jinghata l-gudizzju, l-Awtorita' hija dik illi tregi u dan minkejja l-fatt illi, tramite d-diversi dipartimenti u karigi (dejjem fi hdan l-istess entita'), tinghata l-impressjoni illi l-funzjoni ta' l-Awtorita' hija unikament ta' gudikant. Izda

minkejja dan kollu xorta wahda jinghad li ghalkemm jidher li hemm diversi rjus ta’ fl-istess Awtorita’, xorta wahda hija dejjem Awtorita’ wahda li ghandha diversi funzjojnijiet kemm amministrattivi, esekuttivi u anke kwazi guduizzjarji u dan huwa pregudikanti ghall-persuni li jkunu gew akkuzati mill-istess Awtorita’ u jkunu ser jigu gudikati minna stess.

Illi anke jekk wiehed ifittex aktar fl-gherq legali u storiku tas-sitwazzjoni, ikompli jsib twahhid inaccettabli bejn min johrog l-akkuza u min jiggudika. Fil-fatt, il-funzjoni prosekutorjali illi prezentement tinsab delegata f'idejn Ezekuttiv ai termini tar-**Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Procedura Specjali Amministrattiva**, hija funzjoni originarjament vestita fl-Awtorita' tax-Xandir skond l-**artikolu 41 (5) ta' l- Att dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta).** Dan ifisser illi, kieku ma kienx ghal din id-delega illi saret mill-Awtorita' lill-impjegat taghha l-Kap Ezekuttiv, l-Awtorita' tax-Xandir hija l-entita' illi legalment ghandha f'idejha l-funzjoni illi tohrog l-akkuza, kif ukoll illi tiddeciediha! Ghalhekk, effettivament, wiehed jifhem illi, fil-fatt, bid-delega tal-hrug ta' l-akkuzi lill-Kap Ezekuttiv, twarrbet minn idejn l-Awtorita' din il-funzjoni prosekutorjali li tikkonfliggi mal-funzjoni taghha ta' gudikant tar-reati amministrattivi. Izda effettivament, in vista ta' dak kollu illi jirrizulta kif fuq premess, tali distinzjoni hija fl-opinjoni ta’ din il-Qorti u fl-ambitu tal- massima li l-gustizzja trid mhux biss issir izda li tidher li qed issir, biss ezercizzju kosmetiku illi bl-ebda mod ma jassolvi li hija qieghda fil-fatt tiggudika akkuzi mahruga mirmha stess (tramite l-Kap Ezekuttiv) fuq principji *ossia policies* taghha stess. B’daqshekk biss, l-Awtorita' ma gietx reza gudikant indipendenti u imparzjali, u mhux jigi assigurat ir-rispett ghall-principju *nemo iudex in causa propria.*

Illi kif gja inghad huwa ritenut legalment li bl-apparenza jew dak li jidher fid-deher biss jista’ jkun hemm vjolazzjoni tal-principji tal-Gustizzja Naturali u din titqies fuq l-istess livell ta’ vjolazzjoni ta’ dawn il-principji. Fil-fatt fis-sentenza **“Metropolitan Properties Co vs Lannon”** (1969), fejn **Lord Denning** iddikjara:-

*"In considering whether there is a real likelihood of bias, the court does not look at the mind of the justice himself or at the mind of the Chairman of the tribunal or whoever it might be, who sits in a judicial position. It does not look to see if there was real likelihood that he would, or did, in fact favour one side at the expense of the other. The court looks at the impression which would be given to other people. Even if he was impartial as could be, nevertheless if right-minded persons would think that, in the circumstances, there was a real likelihood of bias on his part, then he should not sit."*

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota ta' kritika pprezentata mar-rikors tal-konvenuti datat 20 ta' Jannar 2012 fejn jinghad li dan il-punt kien gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Public Broadcasting Services Limited vs l-Awtorita' tax-Xandir"** (P.A. – 29 ta' April 2005) fejn l-istess konvenuti qed isostnu li hemm gie deciz li r-rwol ta' prosekutur tal-Kap Ezekuttiv f'akkuzi simili hija ghal kollox differenti minn dik tal-Awtorita' tax-Xandir bhala awtorita' regolatrici. Dwar dan jinghad li l-ligi stess din id-distinzjoni ma taghmilhiex tant li skond l-**artikolu 41 (4) tal-Kap. 350** hija l-Awtorita' tax-Xandir li tohrog l-akkuzi, izda skond l-**artikolu 3 tal-Avviz Legali 162 tal-2000** huwa *"Ic-Chief Executive li ghandhu jaghti avviz ta' akkuza lil xandar".* Mela allura jidher car li konnessjoni bejn l-Awtorita' tax-Xandir u l-Kap Ezekutitiv, mhux biss ma hijiex esklussa, izda jidher mill-Ligi stess li tezisti, u dan kollu emanenti mill-fatt mhux biss tad-dicitura tal-Ligi stess, izda wkoll li l-Ligi tikkonsidra lill-Kap Esekuttiv bhala d-delegat tal-istess Awtorita' tax-Xandir, u jinghad x'jinghad din il-percezzjoni ma' tistax titwarreb, iktar u iktar meta l-istess Kap Esekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir jidher bhala parti fi process li huwa stess jibda' kontra terz, quddiem l-istess Awtorita', li taghha huwa impjegat.

Illi dwar is-sentenza citata jinghad li dak li hemm gie deciz huwa biss jekk bil-hrug tal-akkuza mill-Kap Esekuttiv, l-Awtorita' tax-Xandir, ikun gja iddecieda l-kaz li mbaghad jidher quddiemha, u dan certament, ma huwiex il-punt li gie trattat f'din il-kawza odjerna.

Illi pero' jinghad li mill-istess decizjoni, jidher li din il-Qorti ghandha u qed issib konfort fiha tenut kont ta' dak li gie ritenut fl-istess sentenza citata ghaliex f'dik is-sentenza inghad li inghad li l-awtorita' konvenuta odjerna, li kienet *"L-Awtorita' konvenuta* (f'dik il-kawza) *invece tirritjeni li hi ma kienet ghamlet l-ebda appraisal of guilt imma kienet idderigiet lic-Chief Executive taghha biex jipprocedi skond l-Att dwar ix-Xandir".* Iktar il-quddiem fl-istess decizjoni l-Qorti sabhet li *"L-Awtorita' zammet diskussjoni fuqha u kienet ikkonstat li kien hemm ksur ta' l-ordni ta' l-Awtorita' mis-socjeta' attrici u ghalhekk idderigiet lic-Chief Executive taghha biex* *<u>jikkonsidra</u>* *l-hrug ta' akkuza formali kontra l-istazzjoni TVM talli naqas li jobdi din id-dirattiva ta' l-Awtorita'. Billi Dr. Kevin Aquilina deherlu li kien hemm ksur ovvju tad-direttiva tal-Awtorita' kif jirrizulta mid-diskussjoni li saret hu hareg l-akkuza kif awtorizzat li jaghmel skond il-ligi".*

Illi fuq dawn ir-rizultanzi f'dik is-sentenza dik il-Qorti qalet li minn dawn il-minuti ghalhekk ma jirrizultax li l-Awtorita' kienet iddecidiet il-kaz qabel ma tat l-opportunita' lis-socjeta' attrici li tiddefendi ruhha. Kompliet li l-Awtorita' qatt ma ppronunzjat ruhha dwar il-htija o meno tas-socjeta' attrici qabel ma nharget l-akkuza. Dan ifisser u jikkonwerma li l-punt deciz kien biss li l-Awtorita' meta harget l-akkuza ma kienitx gja ddecidiet il-kaz qabel ma sar is-smigh quddiemha. Fuq dan jinghad li, apparti l-fatt li din il-Qorti, bir-rispett kollu, ghandha r-riserva taghha dwar dan, minn dawn ir-rizultanzi stess kontenuti fl-istess decizjoni jidher car li appuntu u bla dubju hemm interattivita' attwali bejn l-Kap Esekuttiv u l-Awtorita' tax-Xandir, u certament li fil-ligi u fil-fatt ma hemmx distinzzjoni netta u cara bejn il-prosekuttur u l-gudikant f'dan il-kaz; anzi jidher il-kuntrarju, fis-sens li l-prosekettur u l-gudikant f'dan il-kaz, u ghaliex hekk prospettati mill-ligi, huma parti mill-istess organu li hija l-Awtorita' tax-Xandir, li taghha l-Kap Ezekuttiv huwa parti u ma ghalhekk bl-istat tal-Ligi kif inhi ma jistghux jigu distakkati minn xulxin.

Illi dwar is-sentenza **"Public Broadcasting Services Limited vs l-Awtorita' tax-Xandir"** (P.A. (LFS) – 11 ta' Mejju 2009) jidher li hemm l-allegazzjoni attrici kienet li l-

Awtorita’ tax-Xandir naqset milli tosserva f’diversi aspetti tal-obbligu li tipprovdi smigh xieraq inkluz il-hrug ta’ avviz ta’ akkuza u n-nuqqas ta’ informazzjoni lis-socjeta’ attrici li kienet qed tigi akkuzata, illi kellha d-dritt ta’ assistenza legali u li kellha wkoll id-dritt li tiddefendi ruhha f’dawn il-proceduri ta’ dixxiplina. Jirrizulta li s-socjeta’ attrici ilmentat li l-Awtorita’ tax-Xandir agixxiet bhala prosekutur u gudikant fl-istess waqt, u b’hekk lanqas kellha apparenza ta’ indipendenza u imparzjalita’. Izda dik il-kawza, kienet minnha nfisha partikolari ghaliex fil-kors taghha kien hemm bdil fil-ligi applikabbli, u giet deciza essenzjalment fuq il-bazi ta’ nuqqas ta’ osservanza tal-garanziji ta’ smigh xieraq u fil-pubbliku kif hemm definiti. Hemm ma gietx ikkonsidrata fil-fond il-kwistjoni li l-Awtorita’ tax-Xandir tagixxi bhala prosekuttur u gudikant fl-istess hin, proprju ghaliex il-Kap Ezekuttiv huwa d-delegat tal-istess Awtorita’. Anzi f’dik id-decizjoni l-punt li sar bdil fil-Ligi u li l-Kap Ezekuttiv kien sar prosekutur gie kkonsidrat, tenut kont ta’ kif kienet impostata l-azzjoni, bhala li ssorvola l-kwistjoni hemm imqajjma. Ghalhekk hija biss din il-kawza li dahlet fil-fond dwar ir-relazzjoni bejn il-Kap Ezekuttiv u l-Awtorita’ tax-Xandir, u hija hawn li din il-Qorti tikkonferma u tissoferma dak kollhu hawn ritenut.

Illi l-kontenut tan-nota ta’ kritika tal-konvenuti mill-bqija gie kkonsidrat gja f’din is-sentenza u l-artikoli hemm citati tal-**Avviz Legali 162 tal-2000** bl-ebda mod ma jbiddlu l-fatt li fil-verita’ l-Kap Ezekuttiv kien u jibqa’ impjegat u delegat tal-Awtorita’ tax-Xandir u mhallas minnha hekk kif jirrizulta minn **artikolu 5 u 7 tal-Kap. 350.** Dan apparti li l-**artikolu 41 (5) tal-Kap. 41** xorta wahda jipprovdi (u fl-ahjar ipotesi jimplika) li l-Awtorita’ tax-Xandir taghti l-avviz ta’ l-akkuza hi, u l-fatt li l-Avviz Legali jaghti tali poter lill-Kap Ezekuttiv, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-Kap Ezekuttiv qed dejjem jagixxi ghan-nom tal-istess Awtorita’ tax-Xandir, u allura dak li hemm fl-istess nota ta’ kritika, u l-ligi hemm citata jikkonfermaw li hemm konnessjoni intrinsika bejn il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita’ tax-Xandir u l-Awtorita’ tax-Xandir u li l-Kap Ezekuttiv huwa d-delegat tal-istess Awtorita’ tax-Xandir f’kollox u ghalhekk parti minnha. Il-ligi stess imbaghad issemmi li anke f’kazijiet ta’ offizi amministrattivi u fi proceduri dwar l-istess l-Awtorita’ tax-

Xandir ghandha tosserva l-garanziji ta’ smigh xieraq u dan skond kif senjatament indikat fl-**artikolu 41 (1) u (3) tal-Kap. 350.** Fid-dawl ta’ dan kollu l-indipendenza tal-Kap Ezekuttiv mill-Awtorita’ tax-Xandir li qed jippropunu l-konvenuti hija biss finzjoni u mhux realta’ u certament li din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-istess konvenuti fin-nota ta’ kritika taghhom ghar-rapport peritali; dan iktar u iktar f’kamp hekk sensittiv bhal dak ta’ smigh xieraq fejn il-Qorti ghandha tara li ma jinghatax *“lip service”* ghall tali rekwizit fundamentali ta’ kull procediment, izda li effettivament dan isehh, anke fid-dawl tal-massima li l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir.

Illi ghalhekk il-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi thossx li ghandha taddotta il-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li mill-provi prodotti jirrizulta li f’dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li hemm apparenza inaccettabbli f’socjeta’ demokratika tal-ksur tal-principju *nemo iudex in causa propria u* ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet attrici u qed tilqa’ l-ewwel seba’ (7) talbiet attrici ghar-ragunijiet esposti hawn fuq u kif hawn deciz, izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tmien (8) talba ghaliex din ma tkkostitwiex talba effettiva skond il-ligi fis-sens li f’dan il-kaz ir-rimedju ghandhu jkun wiehed legislattiv li jipprovdi ghall-osservanza tal-principji ta’ gustizzja naturali u tal-principju *nemo iudex in causa propria* b’dan li l-Att dwar ix-Xandir ghandu jassigura li jkun hemm d-distinzjoni bejn iz-zewg rwoli cjoe’ dik ta’ regolatur li johrog akkuzi u dik ta’ gudikant, liema gudikant ghandu ikun totalment indipendenti mill-Awtorita` inifisha sabiex il-gustizzja mhux biss issir izda tidher li qed issir.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta l-Awtorita’ tax-Xandir filwaqt li ghandha kull dritt li tohrog akkuza fir-

rigward ta’ xi programm tar-radju jew televizjoni a bazi tal-Att dwar ix-Xandir, m’ghandha l-ebda dritt illi tisma' l-akkuza u tiggudikaha hija stess ghaliex dan imur kontra l-principju *nemo judex in causa propria*.

2. Tiddikjara li c-Chief Executive tal-Awtorita’ tax-Xandir huwa ufficjal tal-istess Awtorita’ tax-Xandir u jappartjeni integralment ghall-istess istituzzjoni tal-Awtorita’ tax-Xandir, imwaqqfa, imharsa u protetta mill-Kostituzzjoni ta’ Malta Repubblika, u li ghalhekk il-konvenut Chief Executive huwa parti integrali mit-tifsila tal-Awtorita’ tax-Xandir skont il-ligijiet ta’ Malta u regolamenti li jirrigwardaw ix-xandir f’pajjizna, u b’hekk m'ghandux l-apparenza ta' indipendenza necessarija sabiex jigi rispettat l-istess principju ta' Gustizzja Naturali wkoll fuq enuncjat.

3. Konsegwentament tiddikjara li l-Bord illi jmexxi l-Awtorita' tax-Xandir u c-Chief Executive ta' l-istess Awtorita' tax-Xandir it-tnejn jappartjenu effettivament ghall-istess entita' kostituzzjonalment rikonoxxuta, ossia l-Awtorita' tax-Xandir, b'dan illi l-akkuza mahruga mill-konvenut Chief Executive tammonta wkoll ghal akkuza mahruga mis-socjeta’ konvenuta l-Awtorita' tax-Xandir.

4. Tiddikjara ukoll li l-akkuza li nharget fir-rigward tal-programm ‘Minibus’ li xxandar fuq Smash TV nhar l-ewwel (1) ta’ April 2004, hija akkuza li nharget miz-zewg konvenuti ndikati f’din ic-citazzjoni odjerna.

5. Tiddikjara li l-akkuza li nharget fir-rigward tal-programm ‘Minibus’ li xxandar fuq Smash TV fl-ewwel (1) ta’ April 2004 ma tistax tinstema` u tigi deciza mill-istess konvenuti ndikati f’din il-kawza odjerna minghajr ma jinkiser il-principju *nemo judex in causa propria*.

6. Tiddikjara li l-konvenuti kif attwalment kostitwiti fic-cirkostanzi m’ghandhom ebda jedd li jisimghu u jiddeciedu fuq akkuzi li jkunu ghamlu huma stess taht l-Att dwar ix-Xandir tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Tiddikjara li l-konvenuti ma kellhom ebda awtorita' li jiggudikaw lis-socjeta' kummercjali attrici jew li jimmultawha jew li jitolbuha biex tersaq quddiemhom biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar l-akkuza li biha giet akkuzata mill-konvenuti ndikati fic-citazzjoni odjerna.

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni minn din it-talba ghaliex din ma tikkostitwix talba effettiva skond il-ligi, fis-sens li f'dan il-kaz ir-rimedju ghandu jkun wiehed legislattiv li jipprovdi ghall-osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali u tal-principju *nemo iudex in causa propria*.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' tax-Xandir konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------